# L-Eqdem Pittura Ta' Santa Katerina f'Malta



Wieħed mill-aħjar mużewijiet li jeżistu tal-Knisja Maltija hu, mingħajr dubju ta' xejn il-mużew tal-Katidral fl-Imdina. Tant hu ċelebri u informattiv dan il-mużew, illi faċilment iħabbatha ma' l-aħjar mużewijiet ekkleżjastiċi fl-Ewropa. Għalhekk, jekk wieħed irid jieħu idea sew ta' l-opri artistiċi tal-Knisja Maltija, l-ewwel ma jrid jagħmel hu li jżur dan il-mużew, fejn mhux biss jista' jammira dawn l-opri li jgħoddu sa miż-Żmenijiet tan-Nofs, iżda wkoll jistudja dokumenti antiki ta' valur kbir.

L-aqwa kwadru kbir li jinsab espost f'dan il-mużew huwa l-Polittiku ta' San Pawl.

Il-figura prinċipali ta' dan il-kwadru hi, s'intendi, San Pawl, bil-qiegħda fuq tron majestuż. Madwar din il-parti prinċipali u ċentrali jinsabu tmien kwadri wisq iżgħar, li jirrappreżentaw xeni mill-ħajja ta' San Pawl . Tlieta minn dawn it-tmienja, jiġifieri kważi nofshom, jirrappreżentaw episodji konnessi ma' Malta: in-nawfraġju u t-tluq ta' San Pawl minn Malta, l-episodju tal-lifgħa, u l-fejqan ta' missier Publiju . Dan hu sinjal ċar li dan il-kwadru nħadem għal Malta. Iżda barra minn hekk, dan il-polittiku fih żewġ partijiet oħra. Fuq naraw lill-Madonna mdawra b'korijiet ta'